MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1583/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**

**Vs**

**Emanuel (I.D. 7647 M) u Tereza**
**(I.D. 122453 M) konjugi Cauchi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-26 ta' Lulju 2005, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm 224.49), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-23 ta’ Settembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm 224.49), bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------